



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10038/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0067(NLE)

ENV 530
CLIMA 207
ENER 236
IND 263
COMPET 563
MI 512
ECOFIN 586
TRANS 235
AELE 42
CH 12

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-emendar tal-Anness II tal-Ftehim u tal-Proċeduri Operazzjonali Komuni u l-Istandards Tekniċi tal-Kollegament
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera
dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti
tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom
fir-rigward tal-emendar tal-Anness II tal-Ftehim
u tal-Proċeduri Operazzjonali Komuni
u l-Istandards Tekniċi tal-Kollegament**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom¹ (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fit-23 ta' Novembru 2017 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2240².
- (2) Il-Ftehim ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219³ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.
- (3) Skont l-Artikolu 12(3) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet li jkunu vinkolanti fuq il-Partijiet mad-dħul fis-seħħ tagħhom.
- (4) L-Artikolu 13(2) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt jista' jemenda l-Annessi tal-Ftehim.

¹ ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2240 tal-10 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (ĠU L 322, 7.12.2017, p. 1).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219 tat-23 ta' Jannar 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (ĠU L 43, 16.2.2018, p. 1).

- (5) L-Artikolu 3(6) u (7) jipprevedi li l-Proċeduri Operazzjonali Komuni u l-Istandards Tekniċi tal-Kollegament isiru effettivi meta jiġu adottati b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt. Permezz tad-Deċiżjonijiet tagħha Nru 1/2020⁴ u 2/2020⁵, il-Kumitat Konġunt adotta l-Proċeduri Operazzjonali Komuni u l-Istandards Tekniċi tal-Kollegament, rispettivament.
- (6) Jixraq li jiġi emendat l-Anness II tal-Ftehim biex jirrifletti l-evoluzzjoni tal-kollegament tar-reġistri bejn is-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u s-sistema tal-Iżvizzera għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u biex jiġu ssimplifikati d-dispożizzjonijiet tal-Anness II fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-Proċeduri Operazzjonali Komuni u l-Istandards Tekniċi tal-Kollegament mal-Anness II, jenħtieġ li daww id-dokumenti wkoll jiġu emendati.
- (7) Il-Kumitat Konġunt, matul is-seba' laqgħa tiegħu, jew aktar kmieni permezz tal-proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Kongunt⁶, se jadotta Deċiżjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness II tal-Ftehim u l-emenda tal-Proċeduri Operazzjonali Komuni u l-Istandards Tekniċi tal-Kollegament.

⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1/2020 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom tal-5 ta' Novembru 2020 dwar l-adozzjoni tal-Proċeduri Operazzjonali Komuni (COP) [2021/1033] (ĠU L 226, 25.6.2021, p. 2).

⁵ Id-Deċiżjoni Nru 2/2020 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom tal-5 ta' Novembru 2020 li temenda l-Annessi I u II tal-Ftehim u l-adozzjoni tal-Istandards Tekniċi tal-Kollegament (LTS) [2021/1034] (ĠU L 226, 25.6.2021, p. 16).

⁶ Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-Kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra tagħhom tal-25 ta' Jannar 2019 fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1279 tat-18 ta' Settembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 239, 24.9.2018, p. 8).

- (8) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, fir-rigward tal-emendar tal-Anness II tal-Ftehim u tal-emendar tal-Proċeduri Operazzjonali Komuni u tal-Istandards Tekniċi tal-Kollegament, billi d-Deċiżjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (9) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt għaldaqstant jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul is-seba' laqgħa tal-Kumitat Konġunt, jew qabel permezz tal-proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, ...

Għall-Kunsill

Il-President
